MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 217/2006

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)

vs

Dennis Baldacchino
Andrea Busutill

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Dennis Baldacchino u Andrea Busutill ta’ karta ta’ identita’ numru 88686(M) u 416087(M) rispettivament, akkuzati talli:

a) fil-lejl ta’ bejn 21 ta’ Jannar u 22 ta’ Jannar 2004, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn fond “St Michael’s Foudation” sitwat fi Triq Alamiene, Pembroke liema serq huwa kwalifikat, bil-hin, bil-mezz, u valur li jaccedi l-elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta’ dirigenti ta’ l-imsemmija skola;

b) fl-istess data, hin, u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxuhom;

Rat il-verbal taghha tal-lum;

Semghet lill-ufficjal prosekutur jitlob is-separazzjoni tal-gudizju, liema talba giet milquha;

Semghet lill-imputat Dennis Baldacchino jammetti l-akkuzi, fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti fuqha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha sa fejn jittrattaw l-imputat odjern;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat f'din l-ewwel dehra, l-Qorti ser tghaddi direttament ghas-sentenza.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 279, 280 tal-Kap 9.

Filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuza billi hi in alternattiva ghal dik ta' serq, issibu hati tal-ewwel u tikkundannah tlettax-il xahar habs sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu hekk sospiz.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu fuq din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------